MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Talba Numru. 747/2004

**Marjo Parascandalo ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Lunik Digital Production & Production Services**

**Vs**

**Silvio Debono personalment u MT Media Productions Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mitejn u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm1,288) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lilhom fuq ordnijiet taghhom konsistenti f'xoghol ta' produzzjoni ghall-perjodu April 2002 sa Gunju 2002.

Ra li l-mertu tal-kawza thallas fil-mori tal-kawza.

Ra li permezz ta' Risposta tat-28 ta' Jannar, 2005 limitatament ghall-kap ta' l-ispejjez gie eccepit:

a. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li din il-kawza nfethet inutilment.

b. Illi l-partijiet kienu ftiehmu dwar skeda ta' pagament izda l-kawza xorta nfethet wara li kien sar l-ewwel pagament. Il-pagamenti sussegwenti saru kollha kif miftiehem jigifieri bil-pagament kull xahar. Illi dan il-ftehim sar minhabba li s-socjeta' konvenuta kienet tinsab f'diffikultajiet finanzjarji.

c. Illi s-socjeta' konvenuta qatt ma rrispingiet il-pretenzjoni tas-socjeta' attrici – anzi mill-ewwel ghamlet mill-ahjar taghha biex tehles il-pagamenti debiti.

d. Illi l-ispejjez tal-kawza nnutli bhalma hija l-kawza odjerna, ghandhom jithallsu kollha mill-attur nomine.

Sema' x-xhieda ta' Donald Schembri u ta' Marjo Parascandolo.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-attur u Dr Geraldine Spiteri ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi m'huwiex ikkontestat illi effettivament l-attur ippresta s-servigi rezi kif indikati fl-Avviz u l-konsiderazzjoni ossija kumpens relattiv kien 'il fuq minn erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

Dan id-debitu beda jithallas fis-16 ta' Settembru, 2002 izda l-pagamenti waqfu f'Gunju 2003.

Jirrizulta wkoll illi f'Jannar 2004 l-attur inkariga lill-avukat tieghu Dr Joseph Sammut sabiex jikteb lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-ammont mitlub f'din il-kawza.

In segwitu ntbaghtet ittra mibghuta minn Dr Geraldine Spiteri fejn il-konvenut talab li jinghata l-fakulta' li jhallas permezz ta' rati mensili.

L-attur isostni illi billi in segwitu ma rcieva l-ebda pagament, wara li halla qisu xi xahar, xahar u nofs jghaddu, ta struzzjonijiet lill-avukat tieghu biex jipprocedi bil-kawza odjerna, liema kawza fil-fatt giet intavolata fit-2 t'April, 2004. L-atti tal-kawza gew notifikati lis-socjeta' konvenuta fl-14 t'April, 2004 u fl-atti gie esebit *cheque* li jgib id-data tas-26 ta' Marzu, 2004 izda l-attur jghid li rcievih wara li pprezenta l-kawza u wara li gie notifikat bl-Avviz ghall-appuntament tas-smiegh.

M'huwiex ikkontestat li l-ammont mitlub kien verament dovut fil-mument li giet intavolata l-kawza. Huwa evidenti li l-ammont mitlub huwa wiehed kummercjali u ghalhekk bhala tali jigi dovut immedjatament meta jigi pprestat is-servizz. Seta' kien hemm koncessjoni sabiex il-konvenut ihallas ratealment izda minhabba cirkostanzi mputabbli ghad-direttur tas-socjeta' konvenuta l-pagamenti waqfu f'Gunju 2003.

L-attur isostni illi wara dan huwa kien jikkomunika mad-direttur tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas izda l-pagamenti ma waslux tant illi ghalhekk kellu jirrikorri ghand l-avukat tieghu.

Meta l-attur gie nfurmat bil-proposta ta' pagamenti rateali, l-attur ried illi dawn almenu jibdew minnufih u billi l-ebda pagament ma sar fiz-zmien dak ix-xahar/xahar u nofs, huwa ddecieda li jmexxi bil-proceduri odjerni.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li fil-fatt kien hemm ftehim milhuq meta giet skambjata l-korrispondenza bejn l-avukati. L-oneru tal-provi ta' l-ezistenza ta' tali ftehim jinkombi lill-konvenut. Mix-xhieda prodotti quddiem dan it-Tribunal ma jirrizultax li kien hemm ftehim kif qieghed jigi ssuggerit mill-konvenut u se mai, jekk kien hemm xi proposta kienet proprju illi l-pagamenti jibdew minnufih u mhux jibdew f'April.

Dan qieghed jinghad biss ghar-rigward ta' meta ghandhom jibdew il-pagamenti, pero' jigi nnotat illi ma kienx hemm diskors wisq anqas ma kien hemm ftehim dwar kemm ghandhom ikunu r-rati u kemm ser idumu u ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju illi fil-fatt ghalkemm kien hemm intenzjoni da parti tal-konvenut li jhallas b'mod rateali, jirrizulta li fil-fatt il-ftehim ma giex ikkristalizzat sal-mument li giet ipprezentata l-kawza. Jidher car illi l-attur kien xaba' jistenna ghal flusu u kien ghalhekk li ddecieda li jipprezenta l-kawza. Certament ma kienx jipprezenta l-kawza kieku kien intlahaq ftehim dwar pagamenti mensili billi kif kien gja' ilu jistenna minn Gunju, ma kienetx taghmillu differenza li jistenna ftit iehor – basta jsir ftehim li l-hlasijiet jibdew minnufih.

Konsegwentement l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qieghdin jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ispejjez u d-drittijiet tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------